# Il-Ħalluqin lejn l-aħħar tal-Medju Evu

**Mario Cassar**

Għal perjodu twil, l-istorja ta' pajjiżna nkitbet b'tali mod biex tgħarrafna bil-fatti (u d-disfatti) li jfakkruna fis-sidien fewdatarji taż-Żmien Nofsani, fil-gran mastri ta' żmien il-Kavallieri, u fil-gvernaturi ta' żmien l-Ingliżi. F'dawn l-aħħar ħamsin sena, b'xorti tajba, l-istudjużi tagħna bdew jikkonċentraw aktar fuq l-istorja soċjali ta' ġensna biex b'hekk inkunu nafu mhux biss min kienu l-antenati tagħna, iżda nsiru nafu kif kienu jgħixu, jaħdmu, jiżżewġu, jiddevertu, jinnegozjaw l-art u l-bhejjem, u l-bqija. Hija sura ta' storja li tirrikonoxxi l-parteċipazzjoni tal-bniedem tat-triq li altrimenti qabel ħadd ma ta kasu. Hi l-istorja tal-Maltin, mhux tal-ħakkiema. Dawn il-Maltin tassew kienu nies komuni, imma kienu nies b'isem u kunjom irreġistrati fid-dokumenti.[1]

Il-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1530 tħabbar il-bidu tal-perjodu modern fl-isorja ta' Malta. Sa qabel l-Ordni, pajjiżna kien għadu maqbud fid-dlamijiet tal-Medju Evu -- kien pajjiż retrogradu, insulari, u maqtugħ għal kollox mill-arja sofistikata tar-Rinaxximent Ewropew. F'dan iż-żmien, Malta kienet tagħmel parti mis-Saltna ta' Sqallija li terġa' u tgħid kienet tagħmel parti mill-Imperu Spanjol. Il-parti l-kbira tan-nies kienet fqira u illitterata. Kienu jgħixu fil-biża', mhedda kontinwament mill-attakki tal-furbani Misilmin, mill-mard kontaġjuż, u mill-kapriċċi tal-elementi naturali. Meta ma tagħmilx xita, ir-raba' kien jinxef u kien jirrenja l-ġuħ. In-nies ta' Ħal Luqa ma kinux eċċezzjoni; bħala membri ta' komunità agrikola, ħajjithom kienet iebsa daqs ta' ħaddieħor. Mal-għaks u t-tbatija, kellhom jitqannew ukoll bit-taxxi u l-piżijiet imposti mill-ħakkiema.

Pereżempju, il-Maltin kellhom jagħtu sehemhom mingħajr ħlas fit-tiswijiet tas-swar tal-Imdina u fil-manutenzjoni ta' bini pubbliku ieħor. Dan ix-xogħol furzat, imssejjaħ l-*angara*, kien ta' sikwit jixgħel l-għadab tal-poplu għax fih kien jara tentattiv biex terġa' tiġi introdotta s-servitù taż-żminijiet fewdali. F'lista ta' madwar l-1485 jissemmew dawk l-irġiel kollha li kellhom dan l-obbligu. Fl-istess lista, Ħal Luqa hu magħdud flimkien mal-Gudja; għalhekk, mhux lakemm tgħid liema mis-60 ruħ elenkati f'dan ir-reġistru tal-*angara* kienu Ħalluqin u liema kienu Gudjani. Għaldaqstant, hawn sa nagħtu l-lista sħiħa tal-kunjomijiet imsemmija:[2]

| | | | |
|---|---|---|---|
| Agius | 1 | Deyf | 1 |
| Axisa | 1 | Ellul | 3 |
| Azzopardi | 2 | Farrugia | 2 |
| Baldacchino | 1 | Fiteni | 2 |
| Bellia | 2 | Grima | 1 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Bindin (aktarx Bondin) | 1 | Hakem | 1 |
| Bonanno | 2 | Heller | 1 |
| Bonnici | 2 | Maxruc (jew Maxric) | 1 |
| Briffa | 3 | Mallia | 8 |
| Bugeja | 1 | Percopu (= Chircop) | 5 |
| Buttigieg | 1 | Psaila | 2 |
| Calleja | 1 | Sacco | 2 |
| Camilleri | 1 | Saliba | 1 |
| Caruana | 1 | Vella | 5 |
| Casiha (forsi Casha jew Cassia) | 1 | Zammit | 3 |
| Consiglio | 1 | Total | 60 |

F'dan iż-żmien, il-popolazzjoni tal-Gudja u Ħal Luqa flimkien kienet ta' madwar 300--350 ruħ. B'kollox kien hemm sittin raġel (b'31 kunjom differenti) li kellhom jagħtu sehemhom fl-*angara*. Milli wieħed jista' jara l-aktar kunjomijiet komuni f'dawn l-inħawi kienu Mallia, Percopu (Chircop), u Vella. Il-kunjomijiet Deyf, Hakem, Heller, u Maxruc (?) illum huma estinti. Il-kunjom Hakem żgur li kien għadu jeżisti f'Ħal Luqa sal-bidu tas-seklu sittax, hekk li niltaqgħu mal-koppja Angelus u Maria Chakim fl-1506.[3] Il-kunjom Mallia baqa' joktor ġmielu, hekk li fl-i*Status Animarum* tal-1687 kien jokkupa it-tielet post fil-ġerarkija tal-kunjomijiet Ħalluqin. D'dik is-sena l-aktar żewġ kunjomijiet komuni kienu Briffa u Farrugia li diġà jidhru fl-1485. Fil-lista tal-1485, wieħed jinnota l-assenza totali ta' kunjomijiet bħal Cassar, Scicluna, Imbroll, Mifsud, u Bonavia li fl-1687 kienu fil-klassifika tal-ewwel għaxra.

## Ħalluqin li jissemmew b'isimhom

Għal dan il-perjodu, ma jeżistux reġistri tal-magħmudijiet, taż-żwiġijiet, u tal-imwiet -- la fil-matriċi ta' Birmiftuħ u wisq anqas f'Ħal Luqa. L-eqdem reġistri ta' Santa Marija fil-fatt huma dawk tal-1556. L-ismijiet tal-Ħalluqin nafuhom biss mill-atti notarili u minn listi uffiċjali bħal dik tal-*angara* (ca. 1485). Salvu Briffa, Antoni Agius, Gigliu Vella, Bonfiglu Caruana, Gaddu Camilleri, u Petru Zammit kellhom jirrappurtaw għax-xogħol f'Sibt minnhom, filwaqt li f'Sibt ieħor kien imiss lil Garzia Briffa, Joanni Mallia, Cola Bonnici, Tomeo Briffa, u Salvu Vella.[4] B'hekk għandna ċertezza li dawn il-kunjomijiet żgur kienu stabbiliti f'Ħal Luqa lejn tmiem is-seklu ħmistax. Il-familja Briffa hi waħda mill-eqdem familji li tissemma fl-istorja ta' Ħal Luqa. Ma' Salvu, Garzia, u Tomeo, aktar tard jidhru Bartolomeo, Silvestru, Lorenzu, Bertu, u Giorgi. Kollha kienu jiġu minn xulxin.[5]

Fl-1467, Bartolomeo Buttigieg minn Ħal Luqa xtara kurazza tal-ġild mingħand Johannes Pignano mill-Imdina għall-prezz temporanju ta' ħames fjorini u nofs. Il-prezz finali kellu jiġi ddeterminat minn żewġ esperti aċċettati mit-tnejn li huma biex imbagħad tiżdied jew titnaqqas id-differenza.[6]

Don Michele Falzon kera l-qasam agrikolu magħruf bħala *Ta' Ġnien Arnaw* lil Vincenzo Azzopardi minn Ħal Luqa għal erba' snin. Madankollu, tul dan il-perjodu, Vincenzo nqabad mill-Mori u għaldaqstant il-ftehim spiċċa mdendel. Fl-1495, ħutu Deonisius u Blasius daħlu għalih billi ħadu l-għelieqi bl-istess kundizzjonijiet għall-prezz ta' sittax-il fjorin u sitt karlini (flus Maltin) kull sena. Il-qbiela kellha titħallas dejjem qabel l-Għid il-Kbir.[7]

Fl-1496, Bartolomeo Bonnici minn Ħal Luqa ntrabat li jikkunsinja ħames xkejjer qoton mhux mifsduq ta' 50 ratal il-waħda lin-Nutar Mattheus Vassallo. In-nutar kien diġà ħallas lil Bonnici ħames uqijiet deheb ta' Sqallija, imma l-prezz finali kellu jiġi ddeterminat mid-dwana tal-Imdina. Il-kumplament tal-flus kellhom jitħallsu mal-kunsinja, iżda jidher li l-kuntratt kien ikkanċellat aktar tard.[8]

Fl-1499, Garxia Briffa minn Ħal Luqa ħa b'kera għal erba' snin ir-raba' fil-benefiċċju *Ta' Bunixeb*. Dan ir-raba' kien tal-Knisja u qabel kien f'idejn Masius Grima minn Ħal Luqa stess.[9] Fil-bidu tal-1500, Ambrogio Bonnici minn Ħal Luqa żżewweġ u mar joqgħod Ħal Safi. Fl-1501, Laurencius Pindin (Bondin) silef uqija u nofs lil Petrus Zammit, li fil-kuntratt reħilu għalqa jisimha *Il-Bajjada* (probabbilment f'Ħal Farruġ) u medda raba' magħrufa bħala *Ta' Farmusa* sakemm jitħallas id-dejn.[10] Dionisius Zammit min Ħal Luqa żżewweġ lil Francia, bint Andreas u Costanza Binnichi għall-ħabta tal-1505.[11]

Fl-aħħar deċennji tas-seklu ħmistax, Bartolomeo Buttigieg bena l-knisja tat-Twelid tal-Madonna (li tmiss ma' dik ta' Santa Marija tal-Ftajjar). Dan Bartolomeo bilfors li kien tal-flus; kif rajna, fl-1467 seta' jaffordja jixtri kurazza -- kapriċċ kbir għal dak iż-żmien. Fl-1506, l-istess knisja kien jieħu ħsiebha neputih, Luca Buttigieg.[12] Chiccus Farrugia biegħ f'isem martu għalqa magħrufa bħala *Il-Wilġa* fl-1515.[13] Simone Grima, fl-1525, ħa bi qbiela l-art *Tal-Lampa* fl-inħawi *Tal-Barrani*. Din l-art, li oriġinalment kienet proprjetà tal-familja Lhudija Mehyr, kienet tajba biss għall-mergħa tal-bhejjem.[14] F'dan iż-żmien, Ħal Luqa kellu qassis wieħed biss -- Dun Blasio Grima, li jissemma għall-ewwel darba fl-1525 ukoll.[15] Il-kunjomijiet Azzopardi, Bonnici, Briffa, Bondin, Zammit, Grima, Buttigieg, Farrugia, u Vella li ssemmew f'din il-parti kollha jidhru fil-lista tal-*angara* ta' ca. 1485.

Xi wħud mill-Ħalluqin huma saħansitra msemmija b'laqamhom b'kollox. Fil-lista tal-*angara* jitfaċċa Andrea Vella 'Il-Bidni' (seta' kien mill-Gudja), filwaqt li fl-atti notarili ta' Consalvo Canchur tal-1506 insibu lil Masius 'Madiuna' Vella. Il-laqam tal-familja Zammit li ħarġet minn Ħal Millieri kien 'Chardun' (ara t-taqsima li jmiss). F'dawn iż-żminijiet, in-nies kienu aktar magħrufa bil-laqam milli bil-kunjom. Wara kollox, ħafna mill-kunjomijiet li nibtu f'Malta fil-Medju Evu kienu oriġinalment laqmijiet.

## Rabtiet ma' Ħal Millieri[16]

Waħda mill-aktar familji prominenti f'Ħal Millieri lejn l-aħħar tas-seklu ħmistax kienet dik ta' Bernardus Zammit, li kien mejjet sal-1495. Kellu minn tal-anqas tmien subien: Michael, Nicolaus, Petrus, Thomasius, Matheus, Laurencius, Manno, u ieħor b'isem mhux magħruf. Xi wħud minn uliedu u n-neputijiet tiegħu kellhom rabta kbira ma' Ħal Luqa. Michael Zammit, imlaqqam 'Chardun', fl-1497, xtara dar f'Ħal Luqa b'forn, bitħa, u għalqa għall-prezz ta' 26 uqija tad-deheb, flus Maltin. Eventwalment, mar joqgħod Ħal Luqa fl-1499. [17] Din id-dar kienet fil-viċinanza tal-knisja ta' Sant'Andrija.[18] Nicolaus Zammit kien diġà joqgħod Ħal Luqa fl-1501; aktarx iżżewweġ lil Dominica, oħt Georgii Mallia minn Ħal Luqa, fl-istess sena.[19] Fl-1501, ħuh Petrus iżżewweġ lil Granata minn Ħal Luqa, bint Angaray u oħt Salvus Briffa, u ġarr lejn ir-raħal fl-1503.[20]

It-tifel ta' ħuhom Matheus ukoll imlaqqam 'Chardun', Bernardus, ċertament imsemmi għal nannuh, iżżewweġ lil Dulcia, bint il-mejjet Gaddi u Antonia Camilleri fl-1506; mar joqgħod f'dar imħollija mill-ġenituri tal-għarusa, bil-patt u l-kundizzjoni li jibnu dar

ċkejkna għal oħt il-mara.[21] Din Dulcia kellha dota tajba; fost affarijiet oħra ħadet erba' tomniet art fl-għalqa magħrufa bħala *Tad-Dukkiena* f'Ħal Luqa mingħand ħuwa. Missier l-għarus, min-naħa tiegħu, wiegħed lill-koppja għalqa oħra f'Ħal Luqa magħrufa bħala *Taċ-Ċawla*, bid-dritt għal nofs l-ilma tal-bir li kien fiha.[22] Petrus, it-tifel ta' Thomasius, sal-1505 kien ukoll joqgħod Ħal Luqa.[23] Tifel ieħor ta' Thomasius, Vester, miżżewweġ lil Agatha Briffa, kellu medda raba' jisimha *Ta' Farmusa* f'Ħal Luqa (imsemmija diġà).[24] L-aħwa Petrus u Vester, għalhekk, kienu kuġini ta' Bernardus. Il-kunjomijiet Mallia u Camilleri wkoll jissemmew fil-lista tal-*angara*.

Familja oħra minn Ħal Millieri li kellha rabtiet ma' Ħal Luqa kienet dik ta' Paulus Binnichi (aktarx Bonnici) miżżewweġ lil Ventura Zammit. Probabbilment, dan Paolo kien minn Ħal Luqa għalkemm kien joqgħod Ħal Millieri. Fil-bidu nett tas-seklu sittax, tnejn minn uliedu, Jaimus u Simon, kienu joqogħdu r-raħal.[25] Fl-istess żmien, Marcus Binnichi, ħu Jaimus u Simon, biegħ lil Bartholomeo Binnichi minn Ħal Luqa (aktarx qarib tagħhom) dar u żewġ għelieqi żgħar magħha għal ħdax-il uqija bid-dritt li jifdihom. Fil-fatt, xtrahom lura sena wara.[26] Bartolomeo kien aktarx l-istess raġel involut fil-każ tal-bejgħ tal-qoton.

## Familji li għebu u familji li żdiedu

Fil-Lista tad-Dejma għas-sena 1419/20 kien hemm 27 raġel (bi 22 kunjom differenti) minn Ħal Luqa u Ħal Farruġ li kienu obbligati jagħtu s-servizz tagħhom fil-milizja nazzjonali.[27] Fost il-kunjomijiet ta' dak iż-żmien konna nsibu: Baglio, Barbara, Bugibba, Cadus, Cagege, Cuzin, Debono, Delia, Galata, Multianni, Pullicino, Schembri, Zaira, u ieħor li mhux lakemm taqrah (forsi Del Gamuri jew Duhamuri). Dan ifisser li sa madwar l-1485, kienu ntilfu xejn anqas minn erbatax-il kunjom. Dan seta' ġara għal diversi raġunijiet: xi familji setgħu ġarrew għal irħula oħra, oħrajn setgħu sparixxew minħabba xi epidemija jew ħtif mill-furbani; oħrajn setgħu kienu joqogħdu Ħal Farruġ li fil-lista tal-*angara* jissemmew għalihom. Mill-bqija, it-tmienja l-oħra (Axisa, Bonanno, Consiglio, Grima, Mallia, Percopu, Vella, u Zammit) kienu għadhom jeżistu fl-1485; dan jixhed ċerta kontinwità.

Kunjomijiet oħra li laħqu għebu mir-raħal bejn l-1425 u l-1485 kienu Maimuni u Muhumud. Jekk ngħodduhom ma' Bugibba, Cadus, Cagege, Zaira, Deyf, u Hakem, li ntilfu aktar tard, ikollna nikkonkludu li ħafna mill-kunjomijiet Maltin b'timbru Musulman kienu diġà għosfru sa ma wasal l-Ordni fl-1530. L-istess ġralhom biż-żmien kunjomijiet oħra Maltin bħal Harabi, Rasul, Xara, Buras, u Maxta, iżda dawn ma kinux jeżistu f'Ħal Luqa fil-perjodu msemmi.

Fl-aħħar snin ta' qabel il-miġja tal-Kavallieri, madankollu, il-poplu Ħalluqi baqa' joktor. Mal-familji li kien hemm fl-1485 żdiedu minn tal-anqas tmienja oħra: Bizule, Camenzuli, Falson (Falzon), Gatt, Imbroll, Muscat, Said, u Sapiano. Illum Bizule m'għadux jeżisti. Micallef jispekula li setgħu kienu familji mill-Imdina li sa mis-seklu ħmistax kienu bdew iħallu l-belt għall-kampnja fejn setgħu jinnegozjaw ir-raba' u jrabbu l-annimali.[28] Il-fatt li f'Ħal Luqa tal-1522 kien hemm għalqa msejħa *Ta' Bigeni*, jagħtina x'nifhmu li dan il-kunjom kien laħaq daħal ukoll, sakemm is-sid ma kienx joqgħod barra r-raħal.

Fl-aħħarnett, ta' min josserva li l-ewwel isem tan-nies iddokumentati f'dan l-artiklu hu dejjem Latin-Kristjan (eż. Giorgi, Angelo, Salvu, Bartolomeo, Petru, Joanni, Nicola,

Tomeo, Lorenzo, Ambrogio, eċċ fil-każ tal-irġiel, u Maria, Costanza, Dominica, Antonia, u Agatha, eċċ fil-każ tan-nisa). F'dan il-kuntest, l-assenza tal-isem Andrea tissorprendik.

Referenzi

1 L-ewwel sinteżi siewja tal-materjal relatat ma' Ħal Luqa (ibbażata fuq xogħlijiet ippubblikati) għamilha Anton Morana, 'Ħal Luqa fis-Snin 1419–1530' (ħdax-il parti), *Leħen il-Parroċċa – Ħal Luqa* (Mejju 1986–Marzu 1987).

2 Ara Godfrey Wettinger, 'The Distribution of Surnames in Malta in 1419 and the 1480s', *Journal of Maltese Studies*, no. 5 (1968), pp. 25–48. Il-kunjomijiet jidhru standardizzati skont l-ortografija tal-lum.

3 Not. C. Canchur, Arkivju Notarili Valletta (= ANV), R 140/3, f. 37v (1.x.1506).

4 Joseph Micallef, *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha*, Malta, 1975, pp. 5–6. Fl-ewwel grupp ta' rġiel, Micallef iżid lil Giglu Coloyru, imma dan jidher probabbilment bi żball. Micallef jgħodd 58 ruħ fil-lista ta' Ħal Luqa/Il-Gudja, iżda l-awtur preżenti għadd 60.

5 Joseph Micallef, 'Familji Ħalluqin. Il-Familja Briffa', *Leħen il-Parroċċa: Ħal Luqa* (Awwissu 1979), p. 2..

6 Not. P. Bonello, ANV, Ms 588, no. 84, f.30v–f.31r (16.x.1467)

7 Not. J. Zabbara, ANV, R494/1, f.3 (10.vii.1495).

8 Not. J. Zabbara, ANV, R494/1, f.23v (2.ix.1496).

9 Arkivju tal-Katidral tal-Imdina (= AKM), CEM, AO, vol. 1, ff. 66r--70r.

10 Not. C. Canchur, ANV, R 140/1, f. 96v (18.vii.1501).

11 Not. C. Canchur, ANV, R 140/2, f. 138r (9.v.1505).

12 Micallef (1975), p. 33.

13 Not. C. Canchur, ANV, R 140/6, f. 204r (27.xii.1515).

14 Micallef (1975), p. 7.

15 Micallef (1975), p. 8.

16 Ħafna mill-materjal f'din it-taqsima hu msejjes fuq ix-xogħol ta' Godfrey Wettinger, 'The Village of Ħal Millieri: 1419–1530', f'Anthony Luttrell (ed.), *Hal Millieri: A Maltese Casale, Its Churches and Paintings*, Malta: Midsea, 1976, pp. 36–68. Ħal Millieri kien rħajjel, illum estint, fl-inħawi taż-Żurrieq, il-Qrendi, l-Imqabba, u Ħal Kirkop.

17 Not. J. Zabbara, ANV, R 494/2, f. 4 (23.i.1497); AKI, CEM, AO, vol. 2, f. 83r (26.i.1499).

18 Din id-data tikkonferma li l-ewwel knisja ddedikata lil Sant'Andrija f'Ħal Luqa kienet teżisti ferm qabel ma kien maħsub qabel.

19 Not. C. Canchur, ANV, R 140/1, f. 83r (15.ii.1501); f. 129v (7.i.1502).

20 Not. C. Canchur, ANV, R 140/1, f. 71r--71v (7.i.1501); f. 214r (21.i.1503).

21 Not. C. Canchur, ANV, R 140/2, f. 182v *et seq*; f. 183r. (13.i.1506).

22 Not. C. Canchur, ANV, R 140/2, f. 182v (13.i.1506).

23 Not. C. Canchur, ANV, R 140/2, f. 142r (18.vii.1505).

24 Not. C. Canchur, ANV, R 140/2, f. 142r (18.vii.1505).

25 Not. C. Canchur, ANV, R 140/1, f. 140v (5.ii.1502); R 140/3, f. 68v (8.ii.1507).

26 Not. C. Canchur, ANV, R 140/2, f. 121 (13.ii. 1505).

27 Ara Godfrey Wettinger, 'The Militia List of 1419–20. A New Starting Point for the Study of Malta's Population', *Melita Historica*, vol. v, no. 2 (1969), p. 97. Din il-lista mhix mistħarrġa hawnhekk għax toħroġ 'il barra mill-qafas taż-żmien li qed nitkellmu fuqu. F'lista simili ta' ftit snin wara (c. 1425), il-kontinġent ta' Ħal Luqa/Ħal Farruġ kien jikkonsisti minn 37 raġel. Ara Wettinger (1976), p. 38.

28 Micallef (1975), p. 6.